- *BILANC TA' PREZZ TA' BEJGH –*
- *MIN JALLEGA IRID JIPPROVA –*
- *APPREZZAMENT TA' PROVI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, it-28 ta' Frar 2002.**

**Kawza Numru: 48**
**Citazzjoni Numru: 635/97/RCP**

**Stephen Busuttil Naudi.**

**vs**

**Carmelo u Joyce konjugi Pirotta, u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1998 giet kjamata fil-kawza is-socjeta` "C & M Pirotta" u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2000, is-socjeta` kjamata fil-kawza "C & M Pirotta" giet estromessa mill-istess kawza.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta’ elf, seba’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1,722.40) rapprezentanti bilanc minn prezz ta’ attrezzaturi ta’ sajd minnhom ordnati u lilhom ikkonsenjati;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas huma baqghu dejjem inadempjenti;

L-istess attur talab li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta’ elf, seba’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1,722.40) lill-attur rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ attrezzatturi tas-sajd minnhom ordnati u lilhom ikkonsenjati.

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf, seba’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1,722.40) lill-attur rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ attrezzatturi tas-sajd minnhom ordnati u lilhom ikkonsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dak tal-ittri bonarji tat-3 ta' Gunju u tat-23 ta' Lulju 1996, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ghandu in-numru progressiv 231/97 u tac-cedola ta' depositu tal-attrezzaturi ta' sajd li gew arbitrarjament ritornati mill-konvenuti, u bl-imghax kummercjali minn dak in-nhar tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-3 ta' April 1998 fejn gie eccepit:

1. Illi fl-ewwel lok l-eccepjenti, fejn anke isem il-mara huwa mankanti fic-citazzjoni, gew imharrka zbaljatament stante li n-negozju gestit minn Pirotta Fishing Centre jitmexxa minn kumpanija C & M Pirotta. Ghalhekk ghandhom jigu liberati "*ab observantia*".

2. Illi fil-meritu, izda bla pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex interament dovut stante li whud mill-attrezzaturi gew ritornati lura u/jew depozitati u/jew fihom difetti. Dippju saru anke hlasijiet.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti w l-lista ta' xhieda minnhom prodotti a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali tat-21 ta' April 1998, tat-18 ta' Novembru 1998 fejn saret il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` "C & M Pirotta", tas-17 ta' Marzu 1999, tal-1 ta' Gunju 1999, tal-24 ta' Jannar 2000 fejn il-Qorti rrevokat id-digriet taghha tat-18 ta' Novembru 1998 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza u ordnat li l-istess socjeta` tigi estromessa mill-kawza, tat-22 ta' Mejju 2000, tal-10 ta' Ottubru 2000, u tas-7 ta' Dicembru 2000.

Rat l-affidavits attrici u d-dokumenti esebiti a fol. 24 sa fol. 37B tal-process.

Rat l-affidavit u d-dokumenti esebiti mill-konvenut a fol. 40 sa fol. 59 tal-process.

Rat il-verbali tat-28 ta' Frar 2001, 8 ta' Mejju 2001, 12 ta' Dicembru 2001 u 6 ta' Novembru 2001 fejn stante li l-konvenuti naqsu li jressqu provi iddikjarat il-provi tal-istess maghluqa, wara li rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta' Frar, 8 ta' Mejju u 12 ta' Gunju 2001, u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-11 ta' Dicembru 2001, u fl-ahharnett rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2001, fejn trattaw id-defensuri tal-partijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din l-kawza qed issir stante li l-attur qed jallega li ghandu jiehu l-ammont ta' Lm1,722.40 minghand il-konvenuti rapprezentanti prezz ta' attrezzaturi tas-sajd mibjugha u kkonsenjati lill-istess konvenuti mill-attur fuq ordni tal-istess konvenuti.

Illi l-istess konvenuti qed jecceppixxu li l-ammont kollu mhux dovut stante li parti mill-oggetti gew ritornati lura jew depozitati u fihom difetti u wkoll peress li saru pagamenti ohra li ma gewx inkluzi fis-sorte.

Illi ghalhekk jidher car li la darba l-konvenuti qed jaccettaw li l-istess attrezzaturi gew kkonsenjati lilhom, l-oneru tal-prova li huma ikkonsenjaw whud minnhom lura ghaliex l-istess oggetti kienu difettuzi jew inkella m'ghandux isir il-hlas ghalihom ghaliex gew depozitati minhabba li huma hekk difettuzi jinkombi fuq l-istess konvenuti, stante li min jallega jrid jipprova; l-istess japplika ghall-eccezzjoni li saru hlasijiet ohra mill-istess konvenuti.

Illi nonostante li l-konvenut ghamel diversi allegazzjonijiet fl-affidavit tieghu fosthom li uhud mill-oggetti mixtrija ma kienux *"up to standard"* u/jew difettuzi, dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati u lanqas korroborati b'xi mod, u ghalhekk

certament li l-eccezzjonijiet tal-konvenut f'dan ir-rigward ma jistghux jigu milqugha.

Illi dan qed jinghad peress li l-unika prova li gabu l-konvenuti hija permezz ta' affidavit prezentat mill-istess konvenut, li apparti li huwa kontradett mill-istess attur f'kull allegazzjoni hemm indikata, certament li ma huwiex sostanzjat bl-ebda mod u jidher li l-ilmenti li saru mill-konvenuti tramite l-komunikazzjoni taghhom tal-31 ta' Lulju 1996 esebita a fol. 53 tal-process bhala Dok. "CP3" sar biss wara diversi interpellazzjonijiet da parte tal-attur sabiex il-konvenut ihallas l-ammont bilancjali minnu dovut, fosthom l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Gunju 1996. Dan apparti li l-ilment dwar l-apparat hemm indikat bl-ebda mod ukoll ma gie pruvat jew sostanzjat. Illi dan apparti li l-istess oggetti hemm indikati lanqas jidher li huma inkluzi fil-lista tal-istess konvenuti ta' konsenji allegatament difettuzi mill-attur, liema lista hija esebita bhala Dok. "CP2" a fol. 52 tal-process.

Illi dwar l-istess lista appena indikata jidher li dwar il-lista ta' oggetti ritornati lill-attur, din taqbel mal-lista esebita mill-attur a fol. 26 tal-process, u l-ammont ta' oggetti ritornati jammonta ghall-Lm129.70 u fost l-oggetti ritornati hemm diversi li kien ilhom ikkonsenjati lill-konvenuti fis-snin 1992 u 1994, u ma hemm ebda raguni ghaliex l-istess konvenuti zammewhom ghandhom sa dak in-nhar, li jitfa' dubju serju kemm l-istess oggetti fil-verita` kienu hekk difettuzi; infatti l-attur jikkontesta dan kollu tant li jsostni li ma kien fihom

ebda difett u ddepozithom il-Qorti permezz ta' cedola relattiva Numru 277/97 datata 18 ta' Marzu 1997 u kopja nformi taghha tinsab esebita a fol. 35 tal-process. Illi din il-Qorti thoss li anke in konnessjoni tal-istess oggetti il-konvenuti ma ppruvawx li tali *items* kienu difettuzi, u ghalhekk l-istess eccezzjonijiet tal-konvenuti f'dan is-sens qed jigu wkoll rigettati.

Illi ghar-rigward tat-tieni lista ta' oggetti indikati fid-Dokument "CP2" a fol. 57 tal-process taht it-titolu *"RETURNED BUT NOT REFUNDED"* jirrizulta fl-ewwel lok li mhux minnu li l-istess oggetti gew ritornati lill-attur, stante li mill-istess dokument esebit mill-konvenut jirrizulta li l-istess oggetti ghadhom fil-pussess tal-konvenuti tant li jinghad espressament minnhom fl-istess lista a fol. 52 tal-process, li dawn l-oggetti jinsabu *"still in our possession";* ghalhekk isegwi li l-istess dokument tal-konvenuti huwa inkonsistenti minnu nnifsu u oltre dan l-allegazzjoni tal-istess konvenuti li l-istess affarijiet huma difettuzi ma giet ukoll bl-ebda mod ippruvata u ghalhekk anke f'dan il-kuntest u relattat mal-oggetti hemm elenkati fit-tieni lista hawn ikkunsidrata, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti qed jigu wkoll respinti minhabba nuqqas ta' prova konvincenti tal-allegazzjonijiet minnhom vantati.

Illi fl-ahharnett jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li l-bilanc fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fit-18 ta' Marzu 1997 kien ta' Lm1,722.40 kif jidher mid-dokumenti esebiti kemm mill-attur a fol. 27 tal-process u kemm mill-konvenuti

a fol. 51 tal-process; pero` jidher li fil-mori tal-kawza l-attur naqqas l-ammont ta' Lm50 bhala *sales receipt* datat 5 ta' Frar 1998, kif jidher mill-istess dokument esebit a fol. 27 tal-process, u ghalhekk l-ammont ta' sorte llum dovut huwa ta' Lm1,672.40 kif jidher mill-istess kuntegg f'pagna 27 tal-process, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-istess ammont bilancjali.

Illi fil-fatt provi ta' pagamenti ulterjuri mill-konvenuti ma sarux u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-ammont ta' Lm1,672.40, u l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1,672.40) lill-attur rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' attrezzaturi tas-sajd minnhom ordnati u lilhom ikkonsenjati.

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1,672.40) lill-attur rapprezentanti l-bilanc ta'

prezz ta' attrezzaturi tas-sajd minnhom ordnati u lilhom ikkonsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dak tal-ittri bonarji tat-3 ta' Gunju u tat-23 ta' Lulju 1996, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ghandu in-numru progressiv 231/97 u tac-cedola ta' depositu tal-attrezzaturi ta' sajd li gew arbitrarjament ritornati mill-konvenuti, u bl-imghax kummercjali mis-17 ta' April 1996 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2002**